Tilburg University

gesis
Leibniz Institute
for the Social Sciences

QUESTIONNAIRES 2011|11

European Values Study

# EVS 1981 - Malta
# Field Questionnaire

*Related to the integrated dataset*
*Archive-Study-No. ZA4448, doi:10.4232/1.4438*

*European Values Study*

# Data producer and data access

## Principal investigators

Heald, Gordon - Gallup, Great Britain

## Fieldwork organisation

Gallup Malta Limited

## Access to data and information on the EVS 1981-2008

Please click the Digital Object Identifier (DOI) to get the study description of the integrated dataset http://dx.doi.org/10.4232/1.4438.

General information about the European Values Study can be found on the EVS website http://www.europeanvaluesstudy.eu/.

For access to data and documentation, please go to GESIS website http://www.gesis.org/en/services/daten-analysieren/survey-data/european-values-study.

For further information about services provided by the GESIS Data Archive, please go to http://www.gesis.org/.

European *Values* Study

# EUROPEAN VALUES STUDY

# 1981

# Malta

FINAL MALTESE VERSION

| Private and confidential | © GALLUP Limited, Malta S.0001 October, 1983 | Interviewer No. | Town: |
|---|---|---|---|

## HIN LIBERU

111. X'tahseb li hu l-aktar importanti fil-hin liberu tieghek - tistrieh kemm tista' jew li taghmel xi haga, li zzomm ruhek attiv?

1 Noqghod nistrieh kemm nista'
2 Naghmel xi haga, inzomm ruhi attiv
3 It-tnejn xorta wahda
V Ma nafx

112. U fil-hin liberu tieghek: tippreferixxi toqghod wahdek, toqghod mal-familja tieghek, tmur mal-hbieb jew tmur x' imkien mimli hajja, fejn ikun hemm hafna nies?

1 Wahdi
2 Mal-familja
3 Mal-hbieb
4 X'imkien mimli hajja
5 Xorta wahda
V Ma nafx

411. Kemm tqis li huwa importanti li wiehed izur pajjizi ohra?

1 Hafna
2 Mhux hazin
3 Ftit
4 Xejn
V Ma nafx

412. Int, qatt sifirt?

1 Iva, kemm -il darba.......
2 Le (If no, skip to Q.415)

413. Ghal liema ragunijiet sifirt? (Pause then read and mark all mentioned)

1 Biex tiddeverti
2 Ghal kultura
3 Biex titghallem
4 Biex tistudja
5 Biex tara lil tal-familja
6 Biex tmur shopping
7 Ghal business
8 Ghal kura
9 Biex tahdem
X Ragunijiet ohra

---

414. Meta issiefer, tippreferi tiehu hsieb tirranga kollox int, jonkella tissieheb ma'grupp?

1 Nirranga kollox jien
2 Nissieheb ma grupp

415. Kemm tqis li s-safar jiswa fl-edukazzjoni tat-tfal?

1 Xejn
2 Ftit
3 Mhux hazin
4 Hafna
V Ma nafx

SHOW CARD A (Ask question (a) first)

113. a. Int imsieheb ma' xi wahda, jew aktar, minn dawn li gejjin? (Mark in col. (A) below)

b. U bhalissa inti qieghed taghmel xi xoghol volontarju, bla hlas, ghal xi wahda minnhom? (Mark in col. (B) below)

| | A | B |
|---|---|---|
| Ghaqdiet li jghinu lin-nies | 1 | 1 |
| Ghaqdiet tal-Knisja, jew religjuzi | 2 | 2 |
| Gruppi edukatativi jew artistici | 3 | 3 |
| Trade Unions | 4 | 4 |
| Partiti jew gruppi politici | 5 | 5 |
| Organizzazzjonijiet li ghandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tal-bniedem f'pajjizek jew f'pajjizi ohra | 6 | 6 |
| Gruppi ghall-harsien tal-wirt naturali u storiku, jew ta'l-annimali | 7 | 7 |
| Xoghol maz-zghazagh (nghidu ahna, scouts, guides, youth clubs, ecc.) | 8 | 8 |
| Ghaqdiet tal-konsumaturi | 9 | 9 |
| Azzocjazzjonijiet professjonali | X | X |
| Xejn minn dawn | V | V |

115. Inti taqra regolarment gazzetta ta' kuljum? Jigifieri, ta' lanqas erbgha minn kull sitt hargiet?

1 Iva
2 Le

116. Ghandek il-hila tghid bejn wiehed u iehor kemm sighat tqatta' kuljum, fil-granet tax-xoghol, jigifieri mit-Tnejn sal-Gimgha, tara t-TV? Nghidu ahna: (Read out)

1 Anqas minn siegha
2 Bejn siegha w saghtejn
3 Bejn tnejn u tliet sighat
4 Bejn tlieta w erba' sighat
5 Aktar minn erba' sighat
6 Qatt ma nara t-TV

117. Inti tiddejjaq tkun ma' nies li l-fehmiet, it-twemmin jew il-valuri taghhom huma differenti minn tieghek? (Read out reversing order)

1 Niddejjaq ghall-ahhar
2 Hafna
3 Mhux wisq
4 Ma niddejjaq xejn
V Ma nafx

118. Qatt thossok wahdek, maghfus missolitudni? (Read out reversing order)

1 Iva, sikwit
2 Iva, kultant
3 Darba fil
4 Qatt
V Ma nafx

119. Tahseb illi illum in-nies huma aktar disposti, jew anqas disposti, biex ighinu 'l xulxin milli kienu, nghidu ahna, ghaxar snin ilu?

1 Huma aktar disposti
2 Huma anqas disposti
3 L-istess
V Ma nafx

SHOW CARD B

120. F'din il-lista jidhru diversi gruppi ta' nies. Tista', jekk joghgbok, taghzel dawk li inti ma tkunx tixtieq li jkollok bhala girien tieghek? (Mark all mentioned)

1 Nies b'kondotta kriminali
2 Nies mhux bojod
3 Studenti
4 Estremisti tax-xellug (nghidu ahna: kommunisti)
5 Ommijiet mhux mizzewga
6 Xurbana
7 Estremisti tal-Lemin (nghidu ahna: faxxisti)
8 Nies b'familji numeruzi
9 Nies mhux stabbli emozzjonalment
X Msehbin ta'setet jew kulti religjuzi ta'minoranza
V Turisti
R Ohrajn li ma semmejnix

121. Kollox ma kollox, kif kont tghid li tinsab f'sahhtek dil-habta? (Read out, reversing order for alternate contacts)

1 Tajjeb hafna
2 Tajjeb
3 Mhux hazin
4 Hazin
5 Hazin hafna
V Ma nafx

122. Nixtiequ nkunu nafu kif qeghdin ihossuhom in-nies daz-zmien. Tul dawn l-ahhar ftit gimghat qatt hassejtek: (Read out, reversing order for alternate contacts. Mark one code for each statement)

| | Iva | Le |
|---|---|---|
| Entusjasta jew interessat hafna f'xi haga | 1 | 1 |
| Daqshekk bla sabar li ma flahtx tibqa' bilqieghda fit-tul | 2 | 2 |
| Kburi ghaliex xi hadd ferahlek ghal xi haga li ghamilt | 3 | 3 |
| F'solitudni kbira jew maqtugh minn haddiehor | 4 | 4 |
| Hieni ghax irnexxitlek xi haga | 5 | 5 |
| Imxebba' | 6 | 6 |
| Se ttir bil-ferh/thoss li l-hajja sabiha | 7 | 7 |
| Dipress jew imdejjaq hafna | 8 | 8 |
| Li l-folja qed iddur favurik | 9 | 9 |
| Urtat ghax xi hadd ikkritikak | X | X |

124. In generali, xi tghid int: in-nies, fil-bicca l-kbira, tista' tafdahom jew trid toqghod b'seba' ghajnejn int u tittratta maghhom?

1 Fil-bicca l-kbira lin-nies tista' tafdhom
2 Trid toqghod b'seba' ghajnejn
V Ma nafx

125. Kemm tahseb li z-zghazagh ghandhom fiducja f'min hu ikbar minnhom f'pajjizna llum? SHOW CARD C

1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
Xejn — Hafna

V Ma nafx

126. Kemm tahseb li l-kbar ghandhom fiducja fiz-zghazagh f'pajjizna llum? SHOW CARD C

1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
Xejn — Hafna

V Ma nafx

127. Hawn min jidhirlu li jista' jaghzel kif ighix u jfassal hajtu kif irid; haddiehor jidhirlu li jaghmel x'jaghmel qatt m'hu sid ta' dak li jigrilu. Jekk joghgbok, ghidilna int stess kemm tahseb li ghandek kontroll fuq hajtek. SHOW CARD C

1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
Xejn — Hafna

V Ma nafx

128. Kollox ma' kollox, x'tghid li int: (Read out, reversing order for alternate contacts)

1 Hieni hafna
2 Hieni
3 Mhux hieni hafna
4 Xejn hieni
V Ma nafx

129. SHOW CARD D: Kollox ma'kollox, kemm int sodisfatt b'hajtek bhalissa? Jekk joghgbok, uza din il-'card' biex tghinek fit-twegiba tieghek.

1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
Mhux sodisfatt — Sodisfatt

V Ma nafx

130. SHOW CARD D: U x'tghid ghal hames snin ilu?

1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
Mhux sodisfatt — Sodisfatt

V Ma nafx

131. SHOW CARD D: U kif tistenna li tkun fi zmien hames snin ohra?

1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
Mhux sodisfatt — Sodisfatt

V Ma nafx

GO TO TAQSIMA TAX-XOGHOL

## T A Q S I M A  T A X - X O G H O L

ASK ALL:

132. Se nurik lista ta' hwejjeg li xi nies qalulna li huma importanti ghalihom fil-ghazla ta' "job". Jekk joghgbok, ghidli liema minnhom inti personalment tahseb li huma importanti ghalik. (SHOW CARD E - Mark all mentioned)

1 Paga tajba
2 Nies li tiehu pjacir tahdem maghhom
3 Ma tkunx maghfus izzejjed
4 Ma jkollokx wisq biza' li titilfu
5 Prospetti tajba ghal promozzjoni
6 Xoghol rispettat min-nies in generali
7 Sighat tajba
8 Cans li turi inizjattiva
9 Xoghol utli ghas-socjeta'
1 Hafna leave
2 Tiltaqa' ma' hafna nies
3 Xoghol li fih tista' tilhaq xi ghan
4 Xoghol ta' responsabbilta'
5 Xoghol interessanti
6 Xoghol adattat ghal hila tieghek
7 Xejn minn dan

Ask if working full, or part-time: if not, skip to Q140.

134. Thossok herqan ghax-xoghol wara l-weekend jew jisghobik li jkun ghadda?

1 Inkun herqan ghax-xoghol
2 Jisghobija li ghadda l-weekend
3 Niehu gost fil-weekend u fix-xoghol
V Ma nafx

135. Kemm thossok kburi, jekk thossok, bix-xoghol li taghmel? (Read out)

1 Hafna
2 Mhux hazin
3 Ftit
4 Xejn
V Ma nafx

136. Meta tahseb fil-"job" tieghek, gieli thoss li qeghdin jiehdu vantagg minnek jew jisfruttawk, jew qatt ma jghaddulek minn mohhok hsebijiet bhal dawn?

1 Spiss jiehdu vantagg minni
2 Kultant
3 Qatt
V Ma nafx

SHOW CARD F

137. Kemm ihalluk tiehu decizjonijiet minn rajk fuq ix-xoghol? Jekk joghgbok, aghmel uzu minn din il-'card' biex turi kemm tqis li tista' tiehu decizjonijiet minn rajk.

1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
Xejn Hafna

V Ma nafx

138. Nixtieqek tisthajjel ghal mument illi l-gvern u min ihaddem jiftehmu li jqassru l-gimgha tax-xoghol ghal tlitt ijiem ta' tmien sighat kull wiehed izda jibqghu joffru l-istess paga daqs dik ta' gimgha shiha. X'kont taghmel, jekk xi haga, milli se nghidlek: (SHOW CARD G - Mark all mentioned)

1 Tahdem tlitt ijiem ghal min ihaddmek imbaghad tipprova issib xoghol barrani ghall-bqija tal-gimgha biex iddahhal aktar flus
2 Taghmel uzu mill-hin liberu biex tistudja jew ittejjeb lilek innifsek
3 Tqatta' l-hin mal-familja w hbieb
4 Biex ma tiddejjaqx, issib xi xoghol iehor imqar jekk ma ddahhalx wisq izjed flus minnu
5 Tuza l-hin liberu biex taghmel xi haga ghall-belt jew rahal fejn toqghod, bhal, nghidu ahna, xoghol volontarju, politika lokali, il-knisja, ecc.
6 Tqatta' z-zmien f'xi namra jew hobby li ghandek
7 Taghmel xi negozju zghir fil-hin liberu li jkollok
8 Tqatta' z-zmien tistrih bla ma taghmel xejn specjali
X Xejn minn dawn
V Ma nafx

SHOW CARD H

139. Meta tikkonsidra kollox, kemm thossok sodisfatt jew mhux sodisfatt bil-"job" tieghek?

1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
Mhux sodisfatt Sodisfatt

V Ma nafx

ASK ALL:

SHOW CARD H

140. Kemm tinsab sodisfatt bil-qaghda finanzjarja tal-familja tieghek?

1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
Mhux sodisfatt Sodisfatt

V Ma nafx

141. Kif tahseb li l-qaghda finanzjarja tad-dar tieghek se titbiddel fit-tnax-il xahar li gejjin? (Read out)

1 Issir hafna ahjar
2 Issir ftit ahjar
3 Tibqa' l-istess
4 Issir ftit aghar
5 Issir hafna aghar
V Ma nafx

142. Xtaqt nirrakkontalek incident u nistaqsik kif tahsibha dwaru. Hawn zewg segretarji, ta'l-istess eta', jaghmlu ftit jew wisq l-istess tip ta' xoghol.

Wahda mis-segretarji ssir taf li l-ohra tithallas £M5 fil-gimgha aktar minnha. Tmur tilmenta dwar dan mal-Kap. U hu jghidilha, tassew hekk kien, li s-segretarja l-ohra thaffef aktar, hija aktar efficjenti w aktar ta' min jorbot fuqha. Kif tahsibha inti: sewwa jew le, li segretarja wahda tithallas aktar mill-ohra?

1 Sewwa
2 Mhux sewwa
3 Ma nafx

143. Qieghed jinghad hafna dwar kif ghandhom jitmexxew in-negozju w l-industrja. Ma' liema minn dawn l-erba' fehmiet taqbel l-aktar int? (SHOW CARD I - Mark ONE only)

1 Il-proprjetarji ghandhom imexxu l-imprizi huma, jew jaghzlu huma lil min se jmexxihom
2 Fl-ghazla ta' min imexxi ghandu jkollhom sehem sew il-propretarji kif ukoll il-haddiema
3 Il-Gvern ghandu jkun il-propjetarju tal-imprizi, kif ukoll

jaghzel min ser imexxihom
4 Il-haddiema ghandhom ikunu il-propjetarji tal-imprizi, kif ukoll jaghzlu min ser imexxihom
V Ma nafx

SHOW CARD J

144. Mhux kulhadd jahsibha l-istess dwar id-direttivi li jinghatawlhom fuq ix-xoghol. Hawn min jidhirlu li bhala principju ghandek taghmel dak li jghidulek ta' fuqek anki meta ma taqbilx mieghu ghal kollox.

Ohrajn jidhrilhom li ta' fuq m'ghandhomx jistennew lil hadd jaghmel dak li jghidulu jekk ma jkunx konvint minnu.

Ma' liema wahda minn dawn iz-zewg fehmiet taqbel int?

1 Ghandhom jobdu
2 L-ewwel ghandhom ikunu konvinti
3 Jiddependi
V Ma nafx

## T U R I S T I

511. Fix-xoghol tieghek, int tigi f'kuntatt dirett mat-turisti ?

1. Sikwit
2. Kultant
3. Rari
4. Qatt

512. Ghandek xi hadd iehor fil-familja tieghek li x-xoghol tieghu igibu f'kuntatt mat-turisti ?

1. Iva
2. Le

513. Waqt ir-rikrejazzjoni, tigi f'kuntatt dirett ma' turisti ?

1. Sikwit
2. Kultant
3. Rari
4. Qatt

514. Minn-nazzjonalitajiet li gejjin, liema tahseb huma t-turisti li tghoddhom l-aktar simpatici ?

(SHOW CARD YY: Read out reversing order for alternate contact. Put number 1 next to the nationality most preferred and follow sequence) Write in no.

1. Francizi ......
2. Taljani ......
3. Libjani ......
4. Gharab ......
5. Inglizi ......
6. Germanizi ......
7. Amerikani ......
8. Skandinavi ......
9. Ohrajn ......
V. Ma nafx

515. Ma' liema minn dawn il-fehmiet taqbel l-aktar ? (Read out)

1. It-turisti gid biss igibu
2. It-turisti jgibu flus fil-pajjiz, izda jhallu xi hsara wkoll
3. It-turisti jgibu flus, izda aktar ihallu hsara
4. It-turisti hsara biss igibu

516. Taqbel ma' dawk li jghidu li t-turisti qed igibu tibdil f'Malta ?

1. Hafna tibdil
2. Ftit tibdil
3. Xejn tibdil

517. Dan it-tibdil tajjeb jew hazin ghalina ?

1. Tajjeb
2. Hazin
V. Ma nafx

518. Taqbel ma' dawk li jghidu li bit-turisti jew minghajr turisti, Malta xorta tinbidel ?

1. Iva
2. Le
V. Ma nafx

519. F'hiex tahseb li l-aktar li gabu tibdil it-turisti ?

(SHOW CARD ZZ: Mark all mentioned)

1. Fl-idejat
2. Fl-imgieba bejn is-sessi
3. Fit-twemmin tal-Maltin
4. Fir-rikrejazzjoni tal-Maltin
5. Fil-livell ta' edukazzjoni
6. Fil-mod kif nilbsu
7. Fil-kwalita' ta' l-ikel tal-Maltin
8. Fl-gholi tal-hajja
9. Fil-politika
X. Fil-liberta' zejda

GO TO 'TIFSIR U GHAN TAL-HAJJA'

## TIFSIR U GHAN TAL-HAJJA

Issa nigu ghal xi mistoqsijiet dwar il-hajja in generali.

145. Jekk thares 'il boghod fil-gejjieni, jidhirlek li l-kisbiet tax-xjenza sejrin ighinu jew jaghmlu hsara lill-umanita'?

1 Ighinu
2 Jaghmlu hsara
3 Ftit mit-tnejn
V Ma nafx

146. Kemm-il darba, jekk qatt, tahseb dwar it-tifsir u l-iskop tal-hajja? (Read out, codes 1-4, reversing order for alternate contacts)

1 Sikwit
2 Kultant
3 Darba fil
4 Qatt
V Ma nafx

147. Kemm-il darba, jekk qatt, thoss fik li l-hajja hija bla sens?

1 Sikwit
2 Kultant
3 Darba fil
4 Qatt
V Ma nafx

148. Qatt tahseb dwar il-mewt? Tahseb dwarha: (Read out)

1 Sikwit
2 Kultant
3 Darba fil
4 Qatt
V Ma nafx

149. Hawn min ighid li hemm it-tajjeb u l-hazin f'kulhadd. Ohrajn ighidu li kulhadd huwa tajjeb f'qiegh qalbu. Ma' liema fehma taqbel int?

1 Hemm it-tajjeb u l-hazin f'kulhadd
2 Kulhadd tajjeb f'qiegh qalbu
V Ma nafx

150. Qatt jigri li jisoghbik li tkun ghamilt xi haga meta hassejt li kienet hazina? Dan: (Read out)

1 Sikwit
2 Kultant
3 Darba fil
4 Qatt
V Ma nafx

151. Barra mill-familja, hemm xi haga li jisthoqqilha fil-fehma tieghek, li tissagrifika kollox ghaliha, ghall-bzonn tissogra hajtek ghaliha?

1 Le, xejn
Iva (Write in AND code)
.................................
2 Pajjizi, in-nazzjon
3 Biex insalva l-hajja ta'haddiehor
4 Il-haqq, il-gustizja
5 Il-helsien
6 Il-paci
7 It-twemmin religjuz, Alla
X Hag' ohra
V Ma nafx

152. Ma ghandniex xi nghidu, ahna lkoll nittamaw li ma jkunx hemm gwerra ohra, imma kieku kellha tigi inti tkun lest tiggieled ghal pajjizek?

1 Iva
2 Le
V Ma nafx

153. SHOW CARD K: Kemm tahseb li huwa kbir il-periklu ta' gwerra kbira ohra li fiha pajjizek jiddahhal fil-hames snin li gejjin?

1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
Ma nahsebx — Hafna

V Ma nafx

154. SHOW CARD L: Ghandna hawnhekk zewg fehmiet li tismaghhom xi drabi jinghadu meta n-nies jitkellmu fuq it-tajjeb u l-hazin. Liema minnhom taqbel l-aktar mal-fehma tieghek?

A : Hemm regoli ghal kollox cari dwar x'inhu tajjeb u x'inhu hazin. Dawn dejjem japplikaw ghal kulhadd, ikunu x'ikunu c-cirkostanzi.

B : Ma jista' qatt ikun hemm regoli cari u assoluti dwar x'inhu tajjeb u x'inhu hazin. X'inhu tajjeb u x'inhu hazin jiddependi ghal kollox fuq ic-cirkustanzi ta' dak il-hin.

1 Naqbel mal-fehma A
2 Naqbel mal-fehma B
3 La naqbel ma' wahda w lanqas ma'l-ohra
V Ma nafx

155. SHOW CARD M: Dawn huma fehmiet li xi drabi tisma'. Lejn liema ixxaqleb int?

1 Ma hemm ebda religjon li hi biss vera izda jinsabu hwejjeg li huma veri u ta' tifsir kbir fir-religjonijiet il-kbar kollha tad-dinja
2 Religjon vera wahda biss hemm
3 L-ebda wahda mir-religjonijiet il-kbar ma ghandha xejn veru x'toffri
V Ma nafx

156. Liema hija r-religjon tieghek?

1 Kattolika Rumana
2 'Church of England', 'Scotland' jew 'Wales' (Protestanta)
3 'Free Church'/'non-conformist'
4 Lhudija
5 Musulmana
6 Indu'
7 Buddista
8 Xi ohra
(Write in):..................
X Xejn

157. Barra miz-zwegijiet, il-funerali u l-maghmudijiet, kemm tmur il-knisja sikwiet bhalissa? (Mark one only)

1 Aktar minn darba fil-gimgha
2 Darba fil-gimgha
3 Darba fix-xahar
4 Nhar il-Milied/l-Ghid il-Kbir
5 F'certi festi ohra
6 Darba fis-sena
7 Anqas spiss
V Qatt; kwazi qatt

158. Sew jekk tmur u sew jekk ma tmurx il-knisja, tghid li inti: (Read out reversing order)

1 Bniedem religjuz
2 Bniedem mhux religjuz
3 Konvint li m'hemmx Alla
V Ma nafx

159. In generali, inti tahseb illi l-knisja tieghek, f'pajjizek, qieghda taghti twegibiet kif imiss ghall-: (Read out and mark an answer for each)

| | Iva | Le | Ma Nafx | |
|---|---|---|---|---|
| a) Problemi morali u htegijiet ta'l-individwu | 1 | 1 | 1 | V |
| b) Problemi tal-hajja tal-familja | 2 | 2 | 2 | Mhux Applikabbli |
| c) Htigijiet spiritwali tal-bniedem | 3 | 3 | 3 | |

162. Tahseb li fil-gejjieni r-religjon se tkun iktar importanti, inqas importanti, jew tibqa' tal-istess importanza li ghandha illum ghan-nies ta' dan il-pajjiz?

1 Aktar importanti
2 Anqas importanti
3 Importanti daqs kemm hija illum
V Ma nafx

163. F'hiex, jekk inhu hekk, minn dan li gej, temmen? (Read out and mark an answer for each)

| | Iva | Le | Ma Nafx |
|---|---|---|---|
| Alla | 1 | 1 | 1 |
| Il-hajja wara l-mewt | 2 | 2 | 2 |
| Ir-ruh | 3 | 3 | 3 |
| Id-Demonju | 4 | 4 | 4 |
| L-Infern | 5 | 5 | 5 |
| Il-Genna | 6 | 6 | 6 |
| Id-Dnub | 7 | 7 | 7 |
| Li wara mewtu l-bniedem jitwieled mill-gdid f'din id-dinja b'gisem iehor (ri-inkarnazzjoni) | 8 | 8 | 8 |

166. SHOW CARD N: Liema minn dawn il-fehmiet joqorbu l-aktar lejn it-twemmin tieghek?

1 Hemm Alla personali
2 Hemm xi ghamla ta' spirtu jew qawwa li taghti l-hajja
3 Ma nafx sewwa sew x'naqbad nahseb
4 Ma nahsibx fl-ahhar mill-ahhar li hemm xi ghamla ta'spirtu, Alla jew qawwa li taghti l-hajja
V Ma nafx

167. SHOW CARD O: U kemm hu importanti Alla fil-hajja tieghek? Jekk joghgbok, uza din il-'card' biex twiegeb - (10) ifisser importanti hafna, u (1) ifisser mhu importanti xejn.

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Xejn | | | | | | | | Hafna | |

V Ma nafx

168. Issib li r-religjon taghtik il-farag u l-qawwa jew le?

1 Iva
2 Le
V Ma nafx

169. Gieli titlob, jew tghaddi xi hin fil-meditazzjoni jew kontemplazzjoni, jew f'xi haga bhalhom?

1 Iva
2 Le
V Ma nafx

208. SHOW CARD P: Hawnhekk ghandna 'Card' li fuqha hemm l-Ghaxar Kmandamenti. Jekk joghgbok hares lejhom u ghidli, ghal kull wiehed minnhom, jekk ghadux jghodd bhal qabel illum, jekk jghoddx illum biss sa certu punt, jew ma ghadu jghodd xejn illum (a) ghalik innifsek, u (b) ghall-kotra kbira tan-nies? (Write in code number 1, 2, 3, or V under column for 'Ghalija' and 'Ghall-kotra kbira tan-nies'.

1 Jghodd bhal qabel
2 Jghodd sa certu punt
3 Ma jghoddx
V Ma nafx

| | | Ghalija | Ghall-kotra kbira tan-nies |
|---|---|---|---|
| 1 | Jiena hu Alla Sidek, ma jkollokx Alla iehor ghajri | .... | .... |
| 2 | La ssemmix l-isem t' Alla fil-batal | .... | .... |
| 3 | Hares il-Hdud u l-Btajjel | .... | .... |
| 4 | Weggah lil missierek u 'l ommok | .... | .... |
| 5 | La toqtolx | .... | .... |
| 6 | La tiznix | .... | .... |
| 7 | La tisraqx | .... | .... |
| 8 | La tixhidx haga b' ohra | .... | .... |
| 9 | La tixtieqx nisa ta' l-ohrajn | .... | .... |
| 10 | La tixtieqx hwejjeg ta' l-ohrajn | .... | .... |

228. Qatt kellek xi esperjenza minn dawn li jidhru hawn? (Read out each item and mark an answer for each)

| | Le, qatt | Iva | Ma Nafx |
|---|---|---|---|
| a) Hassejtek bhallikieku kont f'kuntatt ma' xi hadd meta huma kienu 'l boghod minnek | 1 | 2 | 3 |
| b) Rajt grajjiet li graw 'il boghod waqt li kienu qeghdin jigru | 1 | 2 | 3 |
| c) Hassejt bhallikieku kont tassew f'kuntatt ma' xi hadd li kien miet | 1 | 2 | 3 |
| d) Hassejt bhallikieku kont qrib qawwa setghana, spiritwali, taghti l-hajja li bhalkieku hargitek barra minnek innifsek | 1 | 2 | 3 |

ASK ALL SAYING 'YES' at d). Others go to Q.233

232. Din l-esperjenza biddlitlek ftit jew wisq il-mod kif tqis il-hajja. Xi tghid: (Read out reversing order for alternate contacts)

1 Xejn
2 Ftit
3 Mhux hazin
4 Hafna
5 Mill-qiegh
V Ma nafx

GO TO IL-HAJJA TAL-FAMILJA

Issa nixtieq naghmillek xi mistoqsijiet dwar tfulitek.

233. a) Meta kont ghadek qed tikber, xi tghid, missierek u ommok kienu jiftehmu hafna, mhux hazin, ma tantx, jew xejn? (Mark answer in 1st column below)

b) U int u ommok? Meta kont qed tikber, kontu tifhmu lil xulxin hafna, mhux hazin, mhux wisq jew xejn? (Mark answer in 2nd column below)

c) U int u missierek? Meta kont qed tikber, kontu tifhmu lil xulxin hafna, mhux hazin, mhux wisq jew xejn? (Mark answer in 3rd column below)

| | (a) | (b) | (c) |
|---|---|---|---|
| Hafna | 1 | 1 | 1 |
| Mhux hazin | 2 | 2 | 2 |
| Mhux wisq | 3 | 3 | 3 |
| Xejn | 4 | 4 | 4 |
| Ma nafx | V | V | V |

236. Xi ġenituri huma stretti hafna ma' wliedhom, jghidulhom car u tond x'ghandhom jaghmlu u x'm'ghandhomx jaghmlu, dak li hu tajjeb u dak li hu hazin; ohrajn ma jidhrilhomx li jistghu jew ghandhom jaghmlu hekk (huma inqas stretti). Kemm kienu stretti l-ġenituri tieghek?

1 Stretti hafna
2 Stretti mhux hazin
3 Mhux stretti hafna
4 Xejn stretti
V Ma nafx

237. Jekk joghġbok, hares lejn din il-'card' u ghidli, ghal kull kelma, kemm-il darba thossok hekk id-dar? SHOW CARD Q (Mark answer for each)

| | Spiss | Xi kultant | Darba fil- | Qatt |
|---|---|---|---|---|
| Mistrieh | 1 | 2 | 3 | 4 |
| Ansjus | 1 | 2 | 3 | 4 |
| Ferhan | 1 | 2 | 3 | 4 |
| Aggressiv | 1 | 2 | 3 | 4 |
| F'siktek, qawwi w shih | 1 | 2 | 3 | 4 |

242. SHOW CARD R: Kollox ma' kollox, kemm int soddisfatt jew mhux soddisfatt bil-hajja tal-familja:

1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
Mhux soddisfatt Soddisfatt

V Ma nafx

243. Bhalissa inti: (Read out and mark ONE only)

1 Mizzewweġ
2 Tghix bhallikieku mizzewweġ
3 Divorzjat
4 Separat
5 Armel
6 Ghazeb - skip to Q.245

244. Inti u s-siehba tieghek taqblu (jew kontu taqblu) bejnietkom dwar xi haġa milli se nghidlek? (Read out and mark all mentioned)

1 Il-mod kif tharsu lejn ir-reliġjon
2 Valuri morali
3 Il-mod kif tharsu lejn is-socjeta'
4 Fehmiet politici
5 Il-mod kif tharsu lejn is-sess
6 Xejn minn dawn
V Ma nafx

ASK ALL:

245. U l-ġenituri tieghek? Taqblu (kontu taqblu) inti u l-ġenituri tieghek dwar xi haġa milli se nghidlek? (Read out and mark all mentioned)

1 Il-mod kif tharsu lejn ir-reliġjon
2 Valuri morali
3 Il-mod kif tharsu lejn is-socjeta'
4 Fehmiet politici
5 Il-mod kif tharsu lejn is-sess
6 Xejn minn dawn
V Ma nafx

246. Int thoss li aktar taqbel jew aktar ma taqbilx ma' din il-fehma? (Read out)

"Iz-zwieġ haġa antikwata"

1 Aktarx naqbel
2 Aktarx ma naqbilx
V Ma nafx

247. Jekk xi hadd ighidlek li kulhadd ghandu jkollu ic-cans li jgawdi s-sess u jaghmel li jrid minghajr ebda xkiel, int aktarx taqbel mieghu, jew le?

1 Aktarx naqbel
2 Aktarx ma naqbilx
3 La naqbel u lanqas ma naqbilx/ jiddependi
V Ma nafx
R Mhux imwieġba

248. SHOW CARD S: Hawn ghandna lista ta' affarijiet li xi nies jahsbu li jghinu biex iz-zwieġ ikun success. Jekk joghġbok, ghidli, ghal kull wahda minnhom, jekk inti tahsibx li hija importanti hafna, aktarx importanti, jew mhux importanti hafna.

| | Hafna | Aktarx | Mhux Hafna |
|---|---|---|---|
| Il-Fedelta' | 1 | 1 | 1 |
| Li ddahhal bizzejjed flus | 2 | 2 | 2 |
| L-istess trobbija socjali | 3 | 3 | 3 |
| Rispett u apprezzament lejn xulxin | 4 | 4 | 4 |
| L-istess twemmin reliġjuz | 5 | 5 | 5 |
| Dar tajba | 6 | 6 | 6 |
| Qbil fil-politika | 7 | 7 | 7 |
| Ftehim u tolleranza | 8 | 8 | 8 |
| Li ma toqghodx malkunjati | 9 | 9 | 9 |
| Relazzjoni sesswali hienja | X | X | X |
| Li x-xoghol tad-dar isir flimkien | V | V | V |
| Tfal | 1 | 1 | 1 |
| Gosti u interessi komuni | 2 | 2 | 2 |

254. X'tahseb li huwa d-daqs ideali tal-familja - ir-ragel, il-mara u kemm tfal?

............. tfal

V Ma nafx

255. Liema minn dawn li gejjin tahseb int li huma ragunijiet bizzejjed biex ir-rabta taz-zwieg tinqata'. (Read out, reversing order for alternate contacts, mark all mentioned.)

1 Meta r-ragel jew il-mara jimrad/timrad ghal zmien twil

2 Meta jinsabu bla flus

3 Meta r-ragel jew il-mara jixrob/tixrob izzejjed ta' spiss

4 Meta r-ragel jew il-mara jkun/tkun vjolenti

5 Meta r-ragel jew il-mara sikwit imorru ma' haddiehor

6 Meta r-relazzjoni sesswali ma tkunx soddisfacenti

7 Meta r-ragel jew il-mara ma jibqax/tibqax thobb lill-ohra

8 Meta ma jistghux jaqblu mal-qraba ta' xulxin

9 Meta ma jistghux ikollhom tfal

X Meta l-karattri taghhom ma jaqblux

V Xejn minn dawn

256. Jekk xi hadd ighid illi it-tfal ghandhom bzonn li f'darhom ikun hemm sew il-missier, sew l-omm, biex jikbru ferhana, tahseb li inti taqbel jew ma taqbilx?

1 Nahseb li naqbel
2 Nahseb li ma naqbilx
V Ma nafx

257. Tahseb li mara trid ikollha t-tfal biex thoss li lahqet il-milja ta' hajjitha jew dan mhux mehtieg?

1 Hemm bzonn li jkollha tfal
2 Mhux necessarjament
V Ma nafx

258. Jekk xi hadd ighidlek li ma jistax ikun li kulhadd jaghmel li jrid fir-relazzjonijiet sesswali, ghandu jkun hemm regoli morali li jossérvahom kulhadd. Tahseb li inti taqbel jew ma taqbilx?

1 Nahseb li naqbel
2 Nahseb li ma naqbilx
3 La naqbel u lanqas ma naqbilx
V Ma nafx
R Mhux imwiegba

259. Ma' liema minn dawn iz-zewg stqarrijiet tahseb li taqbel? <u>SHOW CARD T</u>

A : Huma x'inhuma l-kwalitajiet u n-nuqqasijiet tal-genituri, ghandek dejjem thobbhom u tirrispetahom

B : M'intix obligat tirrispetta u thobb il-genituri jekk ma jkunx jisthoqqilhom ghall-mod kif igibu ruhhom, u kif jahsbuha

1 Nahseb li naqbel ma'l-Istqarrija A
2 Nahseb li naqbel ma'l-Istqarrija B
V Ma nafx

260. Inti taqbel l-aktar ma' liema wahda minn il-fehmiet dwar ir-responsabbiltajiet tal-genituri lejn uliedhom? <u>SHOW CARD U</u>

1 Id-dmir tal-genituri huwa li jaghmlu mill-ahjar li jistghu ghal uliedhom anki b'sagrificju tal-gid taghhom stess

2 Il-genituri ghandhom il-hajja taghhom ukoll x'jghixu u ma ghandhomx jigu mitluba jissagrifikaw il-gid taghhom stess ghal dak ta'wliedhom

3 La wahda w lanqas l-ohra

V Ma nafx

261. Jekk mara tkun trid li jkollha tarbija li tiehu hsiebha hi minghajr il-missier, izda ma tridx li jkollha relazzjoni soda ma' ragel, inti taqbel jew ma taqbilx?

1 Naqbel
2 Ma naqbilx
3 Jiddependi
V Ma nafx

262. <u>SHOW CARD V</u>: Li gejja hija lista ta' kwalitajiet li l-ulied jistghu jigu nkoraggiti jitghallmu d-dar. Liema, jekk hemm, inti tahseb li huma ta' siwi specjali? Jekk joghgbok, aghzel sa hamsa. (Mark FIVE only)

| | <u>Ta'siwi</u> |
|---|---|
| Manjieri tajba | 1 |
| Mgieba tajba u ndafa | 2 |
| Indipendenza | 3 |
| Bzulija | 4 |
| Onesta' | 5 |
| Sens ta' responsabbilta' | 6 |
| Pacenzja | 7 |
| Immaginazzjoni | 8 |
| Tolleranza w rispett ghal nies ohrajn | 9 |
| Tmexxija, leadership | X |
| Kontroll fuqhom infushom | V |
| Ma jkunux halja, jibzghu ghall-flus u l-affarijiet | 1 |
| Determinazzjoni, perseveranza | 2 |
| Twemmin religjuz | 3 |
| Ma jkunux egoisti | 4 |
| Ubbidjenza | 5 |
| Lealta' | 6 |

264. Kellek tfal?

1 Iva
2 Le

Kemm? (write in): ...........

GO TO KWISTJONIJIET SOCJALI KONTEMPORANEJI

KWISTJONIJIET SOCJALI KONTEMPORANEJI

Issa nixtieq nitkellem dwar xi hag'ohra.

266. SHOW CARD Y: Liema mis-sentenzi li se nghidlek tiddeskrivi l-ahjar, l-interess tieghek fil-politika ?

1 Jiena niehu interess attiv fil-politika
2 Jiena niehu interess fil-politika izda ma nihux sehem attiv
3 L-interess tieghi fil-politika mhuwiex akbar minn interessi ohrajn
4 Xejn ma ninteressa ruhi fil-politika

267. Issa nixtieqek taghti harsa lejn din il-'card'.
Se nsemmilek xi ghamliet differenti ta' hidma politika u nixtieqek tghidli, ghal kull wahda minnhom, jekk inti qattx ghamilt xi wahda minn dawn l-affarijiet, jekk ghandek mnejn jew jista' jkun li ghad taghmilha, jew li qatt, taht ebda cirkostanza, ma int se taghmel ebda wahda minnhom.
SHOW CARD Z (Mark an answer for each)

| | Ghamiltha | Jista' jkun li naghmilha | Qatt m'jien se naghmilha | Ma nafx |
|---|---|---|---|---|
| - Niffirma petizzjoni | 1 | 2 | 3 | V |
| - Nissieheb f'bojkott | 1 | 2 | 3 | V |
| - Niehu sehem f'dimostrazzjonijiet legali | 1 | 2 | 3 | V |
| - Niehu sehem fi strikes mhux ufficjali | 1 | 2 | 3 | V |
| - Niehu sehem fl-okkupazzjoni ta' bini jew fabbriki | 1 | 2 | 3 | V |
| - Naghmel hsara lill-oggetti bhal tkissir ta' twieqi, tneh-hija ta' sinjali ta' toroq ecc. | 1 | 2 | 3 | V |
| - Nuza l-vjolenza man-nies bhal fi glied ma' dimostranti ohrajn jew pulizija | 1 | 2 | 3 | V |

274. SHOW CARD AA: Liema wahda minn dawn iz-zewg fehmiet taqbel l-aktar mal-fehma tieghek ?

A : Jiena nsib illi kemm il-liberta' kif ukoll l-ugwaljanza huma importanti. Izda, kieku kelli niddeciedi ghal wahda jew l-ohra, kont nghodd il-liberta' personali aktar ta' siwi, jigifieri, li kulhadd jista' jghix hieles u jizviluppa minghajr xkiel.

B : Ma ghandniex xi nghidu, kemm il-liberta' kif ukoll l-ugwaljanza huma importanti. Izda, kieku kelli naghzel wahda mit-tnejn, kont nghodd l-ugwaljanza aktar ta' siwi, jigifieri, li hadd ma jkun privileggjat u li d-differenzi bejn il-klassijiet socjali ma tkunx kbira hafna.

1 Jiena naqbel ma' A
2 Jiena naqbel ma' B
3 Ma naqbel la ma' wahda w lanqas ma' l-ohra
V Ma nafx

275. F'affarijiet politici n-nies jitkellmu dwar 'ix-xellug' u 'l-lemin'. Fejn kont tqieghed il-fehmiet tieghek f'din l-iskala, in generali ?
SHOW CARD BB

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Xellug | | | | | | | | | Lemin |

V Ma Nafx
R Mhux imwiegba

276. Fuq din il-'card' hemm tlett fehmiet dwar is-socjeta' li fiha nghixu. Jekk joghgbok aghzel dik il-wahda li taqbel l-aktar ma'l-fehma tieghek.
SHOW CARD CC

1 Il-mod kollu kif is-socjeta' taghna hija organizzata jehtieg jinbidel bl-eghruq u x-xniexel b'azzjoni rivoluzzjonarja
2 Jehtieg intejbu s-socjeta' taghna bil-mod il-mod
3 Jehtieg niddefendu bla biza' ta' xejn is-socjeta' kif inhi kontra kull min irid igarrafha
V Ma nafx

277. Daz-zmenijiet tisma' hafna diskors dwar x'ghandhom ikunu l-iskopijiet ta' dan il-pajjiz f'dawn l-ghaxar snin li gejjin. (SHOW CARD DD) Fuq din il-card' hemm lista ta' x'uhud mill-iskopijiet li nies diferenti jghodduhom b'ewlenin. Jekk joghgbok, tista' tghid liema minn dawn inti nnifsek tghodd l-aktar importanti ? U liema tghodd l-aktar importanti warajhom ?

| | L-ewwel | Wara |
|---|---|---|
| - Li jinzamm l-ordni finnazzjon | 1 | 1 |
| - Li n-nies jinghataw sehem akbar fid-decizjonijiet importanti tal-Gvern | 2 | 2 |
| - Li jitrazzan l-gholi tal-hajja | 3 | 3 |
| - Li tithares il-liberta' tal-kelma | 4 | 4 |
| - Ma nafx | V | V |

279. Meta l-Qorti tikkundanna lil xi hadd, x'ghandu jkun l-iskop ewlieni tal-habs ?
SHOW CARD EE (Mark one only)

A : Li jeduka mill-gdid lill-habsi
B : Li jgieghel lil min ghamel id-deni jhallas ghalih
C : Li jhares lil cittadini ohrajn mill-periklu
D : Li tnehhi l-hajra ta' haddiehor milli jaghmel il-hazin

1 Naqbel ma' A
2 Naqbel ma' B
3 Naqbel ma' C
4 Naqbel ma' D
V Ebda wiehed/ma nafx

308. SHOW CARD FF: Hawn lista ta' tibdiliet fil-mod ta' kif nghixu li jistghu jigru bla dewmien. Jekk joghgbok ghidli, ghal kull wahda minnhom, kieku kellha tigri, jekk inti tahsibx li tkun haga tajba, haga hazina jew ma jimpurtakx?

| | haga tajba | haga hazina | ma jimpurtanix |
|---|---|---|---|
| - Infittxu anqas il-flus u gid materjali | 1 | 2 | 3 |
| - Naghtu anqas importanza lix-xoghol fil-hajja taghna | 1 | 2 | 3 |
| - Aktar enfasi fuq l-izvilupp tat-teknologija | 1 | 2 | 3 |
| - Enfasi akbar fuq l-izvilupp ta' l-individwu | 1 | 2 | 3 |
| - Rispett akbar lejn l-awtorita' | 1 | 2 | 3 |
| - Aktar enfasi fuq il-hajja tal-familja | 1 | 2 | 3 |
| - Mod ta' hajja semplici u aktar naturali | 1 | 2 | 3 |

315. Jekk joghgbok, ghidli ghal kull wahda minn dawn il-fehmiet li gejjin jekk tahsibx li hija dejjem haga sewwa, qatt haga sewwa, jew xi haga bejniethom. Uza din il-'card'.
(SHOW CARD GG with justification scale. Read out statements, reversing order for alternate contact. Mark an answer for each statement.)

1 2 3 4 5 6 7 8 9 10
Qatt Dejjem
V Ma Nafx

| | Write in no. |
|---|---|
| - Li titlob beneficcji ta' l-Istat li ghalihom m'intix intitolat | ....... |
| - Li tevita l-hlas tal-biljett fit-trasport pubbliku | ....... |
| - Li tqarraq fit-taxxa jekk ikollok ic-cans | ....... |
| - Li tixtri xi haga li taf li giet misruqa | ....... |
| - Li taqbad u ssuq karrozza ta' haddiehor bla permess | ....... |
| - Li tiehu d-droga 'marijuana' jew 'hashish' | ....... |
| - Li zzomm flus li tkun sibt | ....... |
| Li tghid kliem b'iehor fl-interess tieghek | ....... |
| - Li rgiel/nisa mizzewga jmorru ma' haddiehor | ....... |
| - Sess taht l-eta' legali ta' kunsens | ....... |
| - Li wiehed jinxtara fil-qadi ta' dmirijietu | ....... |
| - L-Omosesswalita' | ....... |
| - L-Prostituzzjoni | ....... |
| - L-Abort | ....... |
| - Id-Divorzju | ....... |
| - Li tiggieled mal-pulizija | ....... |
| - Ewtanasja (li ttemm il-hajja ta' marid li ma jistax jitfejjaq) | ....... |
| - Suwicidju | ....... |
| - Li ma tirrapportax hsara li tkun ghamilt accidentalment lil karozza pparkjata | ....... |
| - Li thedded haddiema li ma jridux jissiehbu fi strike | ....... |
| - Li toqtol biex tiddefendi ruhek | ....... |
| - Assassinju politiku | ....... |

337. a) Tghodd ruhek bhala wiehed li ma jixrob qatt, li jixrob xi kultant, jew tixrob aktarx spiss, jew tghodd ruhek bhala bniedem li jixrob regolari ?

1 Nixrob regolari
2 Nixrob aktarx spiss
3 Nixrob xi kultant
4 Qatt ma nixrob
5 Mhux imwiegba

b) In generali inti tixrob xorb alkoliku anqas milli jixorbu l-bicca kbira tan-nies, l-istess jew aktar ?

6 Anqas mill-bicca l-kbira
7 L-istess
8 Aktar
X Mhux imwiegba
V Ma nafx

338. Illum f'Malta kemm tahseb li hija serja l-problema -

a) tad-drogi u b) tal-alkoholizmu ?

| a) Drogi | b) Alkoholizmu |
|---|---|
| 1 Serja hafna | 6 Serja hafna |
| 2 Aktarx serja | 7 Aktarx serja |
| 3 Mhux serja hafna | 8 Mhux serja hafna |
| 4 Xejn serja | 9 Xejn serja |
| 5 Ma nafx | V Ma nafx |

339. Tapprova jew ma tapprovax l-abort ficcirkostanzi li se nsemmulek ?
SHOW CARD HH

| | Napprova | Ma napprovax |
|---|---|---|
| - Meta sahhet l-omm tkun f'sogru waqt it-tqala | 1 | 1 |
| - Meta jkun mistenni li t-tarbija sejra titwieled fizikament inkapacitata | 2 | 2 |
| - Meta l-mara mhijiex mizzewga | 3 | 3 |
| - Meta koppja mizzewga ma jridux li jkollhom izjed tfal | 4 | 4 |
| - Ma nafx | V | V |
| - Mhux imwiegba | R | R |

341. Meta inti nnifsek ikollok opinjoni soda hafna dwar xi haga, qatt issib li iddawwar lil hbiebek, qrabatek jew shabek fuq ix-xoghol u jigu jaqblu mal-fehmiet tieghek jew le ? Jekk inhu hekk, dan jigri spiss, minn zmien ghal iehor jew darba fil ?

1 Spiss
2 Minn zmien ghal iehor
3 Rari/darba fil-
4 Qatt
V Ma nafx

342. Meta tiltaqghu int u shabek flimkien, tiddiskutu dwar il-politika spiss, xi kultant jew qatt ?

1 Spiss
2 Xi kultant
3 Qatt
4 Ma nafx

343. Inti tqis ruhek qrib xi partit politiku jew le ?

1 Iva
2 Le - skip to Q. 346

344. Liema partit ?

1 Ebda wiehed
2 Malta Labour Party (MLP)
3 Partit Nazzjonalista (PN)
6 Iehor (write in)----------------

344. (Cont.)

V Ma nafx
R Mhux imwiegba

345. Thossok qrib hafna lejn dan il-partit, qrib mhux hazin jew biss tissimpatizza mieghu ?

1 Qrib hafna
2 Qribu mhux hazin
3 Nissimpatizza mieghu
4 Qrib ghal ebda partit partikolari
V Ma nafx

346. a) SHOW CARD II: Ma'minn dawn il-gruppi geografici, jew postijijiet thoss li inti l-aktar marbut ?

b) U mbaghad ?

| a | b | |
|---|---|---|
| 1 | 1 | L-inhawi tal-belt jew rahal fejn tghix |
| 2 | 2 | Id-distrett fejn tghix |
| 3 | 3 | Pajjizek in generali |
| 4 | 4 | L-Ewropa |
| 5 | 5 | Id-dinja in generali |
| V | V | Ma nafx |

348. a) Kemm thossok kburi li inti Malti ?

1 Kburi hafna
2 Kburi mhux hazin
3 Mhux kburi hafna
4 Xejn kburi
5 Ma nafx

b) It-terrorizmu jissemma' fl-ahbarijiet ta' kuljum. Fil-principju, il-kotra kbira tan-nies huma kontrih, izda ghad hemm lok ghal differenzi ta' opinjoni. Ma' liema minn dawn iz-zewg fehmiet tahseb li inti taqbel ? (Read out)

A : Jista' jkun hemm xi cirkustanzi meta t-terrorizmu jkun gustifikat
B : It-terrorizmu, f'kull cirkostanza, ghandu dejjem jigi kundannat

6 Nahseb li naqbel ma' A
7 Nahseb li naqbel ma' B
8 La naqbel ma' A u lanqas ma' B
V Ma nafx

349. SHOW CARD JJ: Jekk joghgbok, aghti harsa lejn din il-'card' u ghidli, ghal kull haga msemmija fil-lista, kemm ghandek fiducja fiha: kbira hafna, kbira, mhux wisq jew xejn ? (Mark an answer for each item)

| | Kbira hafna | Kbira | Mhux wisq | Xejn |
|---|---|---|---|---|
| - Il-Knisja | 1 | 2 | 3 | 4 |
| - Il-qawwiet armati | 1 | 2 | 3 | 4 |
| - Is-sistema ta' l-edukazzjoni | 1 | 2 | 3 | 4 |
| - Is-sistema legali | 1 | 2 | 3 | 4 |
| - L-istampa | 1 | 2 | 3 | 4 |
| - It-Trade Unions | 1 | 2 | 3 | 4 |
| - Il-pulizija | 1 | 2 | 3 | 4 |
| - Il-Parlament | 1 | 2 | 3 | 4 |
| - Is-Servizz Civili | 1 | 2 | 3 | 4 |
| - Il-kumpaniji kbar | 1 | 2 | 3 | 4 |

359. Tahseb li taqbel jew ma taqbilx mal-fehma li gejja ? (Read out)
"Il-gejjieni huwa hekk incert illi l-ahjar hu li tghix minn jum ghall-iehor".

1 Nahseb li naqbel
2 Nahseb li ma naqbilx
V Ma nafx

GO TO DEMOGRAPHIC INFORMATION

## TAGHRIF DEMOGRAFIKU

360. a) Inti tghix f'dar jew fi flat ?

1 Dar
2 Flat
3 Imkien iehor (write in) ___________

b) U inti jew il-familja tieghek ghandhom dar taghkom jew tikruha ?

4 Taghna - mhallsa, mixtrija u ghadna nhallsu ghaliha
5 Mikrija minghand il-Gvern
6 Mikrija minghand il-privat
7 Hostel, lukanda, kerrejja, ecc.

361. Kemm kellek snin (jew se jkollok) meta spiccajt tistudja full-time ?

1 12 jew anqas
2 13
3 14
4 15
5 16
6 17
7 18
8 19
9 20
X 21 jew izjed

62. Kemm intom nies fid-dar b'kollox ..... b'kollox

Kemm ta' 18 jew izjed ? 7 ..... 18+

IF ANY UNDER 18:

Jigifieri ........ taht it-18

8 ..... 16-17
9 ..... 11-15
0 ..... 5-10
X ..... 1- 4
V .....Taht 1

364. IF RESPONDENT UNMARRIED, ASK:

Inti tghix mal-genituri tieghek ?

1 Iva
2 Le

ASK ALL:

365. Inti tahdem bhalissa ?

If yes: Xi kemm sighat fil-gimgha ?
(Mark an answer in 1st. column below)

| CONTACT | CWE | Has paid job: |
|---|---|---|
| 1 | 1 | 'Full-time' (30 siegha fil-gimgha jew izjed) |
| 2 | 2 | 'Part-time' (anqas minn 30 siegha fil-gimgha) |
| 3 | 3 | Jahdem ghal rasu |
| | | No paid job: |
| 4 | 4 | Mhux jahdem |
| 5 | 5 | Irtirat; pensjonat |
| 6 | 6 | Mara tad-dar bla mpieg |
| 7 | 7 | Student |

367. a) F'liema professjoni/industrija tahdem/hdimt ? (Write in below)

b) X'inhu/x'kien ix-xoghol tieghek hemm ? (write in below and code in first column)

Kuntatt:

Industrija: ......................

Impieg: ......................

'Chief Wage Earner':

Industrija: ......................

Impieg: ......................

| CONTACT | CWE | |
|---|---|---|
| 1 | 1 | Min ihaddem u 'managers' ta' stabilimenti kbar (aktar minn 500 haddiem) |
| 2 | 2 | Min ihaddem u 'managers' ta stabilimenti zghar (taht il-500 haddiem) |
| 3 | 3 | Haddiema professjonali - avukati, accountants, ghalliema, ecc. |
| 4 | 4 | Haddiema mhux ta' l-idejn tal-livell tan-nofs - haddiem ta' l-ufficcju ecc. |
| 5 | 5 | Haddiema mhux ta' l-idejn ta' livell zghir - skrivan, ecc. |
| 6 | 6 | 'Foreman' u 'supervisor' - haddiema ta' l-idejn |
| 7 | 7 | Haddiema ta' l-idejn tas-sengha |
| 8 | 8 | Haddiema ta' l-idejn 'semi-skilled' |
| 9 | 9 | Haddiema ta' l-idejn mhux tas-sengha |
| 0 | 0 | Bdiewa - sidien, 'managers' u li jahdmu ghal rashom (self-employed) |
| X | X | Haddiema tar-raba' |
| V | V | Membru tal-Forzi Armati |

369. Inti li taqla' l-aktar biex izzomm il-familja ?
1 Iva
2 Le - go back and ask Q.365/367 for chief wage earner and ring codes in 2nd. column

370. ASK ALL EMPLOYED: Kemm hemm nies jahdmu fid-dipartiment jew taqsima ta' l-organizzazzjoni tieghek ?

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | 1 | 6 | 26-99 |
| 2 | 2 | 7 | 100-249 |
| 3 | 3-5 | 8 | 250-1000 |
| 4 | 6-9 | 9 | Aktar minn 1000 |
| 5 | 10-25 | V | Ma nafx |

ASK ALL:

371. a) Inti (jew il-mara/ragel tieghek) imsieheb f'xi trade union ?

1 Iva, jien
2 Iva, marti
3 Le

371. b) Sex of respondent:

4 Ragel
5 Mara, mara tad-dar
6 Mara, mhux mara tad-dar

372. Tista' jekk joghgbok, tghidli meta twelidt ? (write in)

________________________

374. Ikollok tghid, inti toqghod:

1 Fil-kampanja jew f'rahal
2 F'belt zghira jew post imdaqqas
3 F'belt kbira

375. Town: [ ]

SHOW INCOME CARD:

376. Hawn ghandna skala ta' l-incomes' u xtaqna nkunu nafu f'liema kategorija tigi l-familja tieghek wara li tkun ghaddejt il-pagi, is-salarji, il-pensjonijiet kollha u dhul iehor. Ghidli biss in-numru tal-kategorija li fiha tigi il-familja tieghek qabel it-taxxa u tnaqqis ohra.

1 2 3 4 5 6 7 8 9 X

V Ma nafx R Refusal

Isem u l-indirizz ta' min iwiegeb:
PLEASE PRINT

Mr/Mrs/Miss ......................

Indirizz ......................

..................................

..................................

Nru. tat-telefon: ____________

Jiena nistqarr illi dan huwa rekord veru ta' intervista maghmula strettament skond kif inti tlabtni ma' persuna li ma nafhiex. Din il-formola imlejtha kollha kemm hi matul l-intervista.

Firmat ................. Data ..........

INTERVIEWERS: CODE BY OBSERVATION ONLY

377. a) Grupp Etniku:

1 Kawkasju (abjad)
2 Negro (iswed)
3 Mill-Asja (kannella)
4 Orjentali (isfar)
5 Gharbi
6 Hag'ohra (mhux abjad) (ghid x'inhu)

...................

b) Status socjo-ekonomiku: (Code from occupation)

7 AB (professjonali/'manager', ta' kategorija oghla min-normal)
8 CI (negozjant, klerikali u kategoriji ohrajn mhux ta' l-idejn)
9 C2 (haddiema ta' l-idejn - tas-sengha, jigifieri jkunu wettqu servizz ta' apprendisti)
X DE (mhux tas-sengha ghal kollox, mhux tas-sengha jew mhux jahdem jew pensjonat)

611. Kulur ta' l-ghajnejn:

1 Suwed
2 Kannella skuri
3 Kannella cari
4 Hodor
5 Celesti
6 Blu skuri
7 Grizi
8 Ohrajn .....................

378. a) Matul l-intervista min kien qieghed iwiegeb kien:

1 Zgur minnu nnifsu hafna
2 Zgur mhux hazin minnu nnifsu
3 Daqsxejn mhux zgur minnu nnifsu/minnha nnifisha
4 Hekk u hekk, mhux zgur

378. b) Kollox ma' kollox l-intervistat deher:

5 Kuntent hafna
6 Mhux kuntent wisq
7 Impossibbli tghid

379. L-intervistat deher li jaf jaqra ?

1 Iva
2 Le
3 Mhux zgur

Dan id-dokument huwa l-proprjeta' ta:-
(c) GALLUP Limited,
2C, Tagliaferro Centre,
High Street,
Sliema, Malta.